ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2014**

## IT-TIELET SENA L-ISTUDJI SOĊJALI (*Option*) L-Iskema tal-Marki

### Taqsima A

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 1. a | 2. a | 3. b | 4. c | 5. a |
| 6. a | 7. b | 8. c | 9. b | 10. b |

**10 marki**

### Taqsima B

| Mistoqsija | Marki | Tweġibiet<br><br>*Dawn it-tweġibiet huma biss indikattivi. Kull opinjoni oħra relevanti u valida għandha tkun aċċettata.* |
|---|---|---|
| 1 | 2,3 (5) | Il-kultura hija taħlita ta' elementi li flimkien jagħtu lill-individwu u lill-pajjiż identità. Dawn l-elementi jinkludu l-lingwa, il-valuri soċjali u n-normi, id-drawwiet u l-modi ta' għajxien, l-istorja u t-tradizzjonijiet, l-ikel u l-ilbies, il-mużika u l-arti, fost oħrajn. |
| 2 | 3,1,1 (5) | Isseħħ b'taħlit ta' ideat u kulturi f'post wieħed permezz tal-globalizzazzjoni, l-ivvjaġġar, il-mass midja, l-emigrazzjoni u l-komunikazzjoni bejn il-pajjiżi. *Żewġ eżempji minn*: il-komunitajiet etniċi f'Malta, studenti barranin, ħaddiema barranin, turisti, żwiġijiet ma' persuni minn pajjiżi oħra, l-internet u l-films. |
| 3 | 3,1,1 (5) | Billi jinbidlu n-normi, il-valuri u l-użanzi; billi jkun hemm żvilupp fl-ideat; permezz ta' imitazzjoni ta' kulturi oħra; ċerti użanzi ma jibqgħux validi.<br>*Żewġ eżempji minn*: daħlet id-drawwa li niċċelebraw il-Halloween u festi oħra; ħafna koppji qed jgħixu flimkien qabel jiżżewġu (koabitazzjoni). |
| 4 | 4 | Il-kultura tinkludi n-normi li jservu bħala gwida ta' x'inhu aċċettabbli jew mhux. Min ma jikkonformax jista' jiġi mwarrab u anke kkastigat mis-soċjetà stess li ħolqot dawn in-normi. |
| 5 | 2,2,2 (6) | *Tlieta minn*:<br>• il-ħajja saret iżjed mgħaġġla<br>• il-livell tal-għajxien għola<br>• il-mara qed tkompli taħdem anke wara li tiżżewweġ u jkollha t-tfal<br>• l-irwoli tar-raġel u l-mara fil-familja saru simmetriċi<br>• il-familja m'għadhiex tipproduċi servizzi u prodotti li għandha bżonn, iżda saret interdipendenti. |
| **TOTAL** | **25** | |

**Taqsima C**

| Mistoqsija | Marki | Tweġibiet |
|---|---|---|
| | | *Dawn it-tweġibiet huma biss indikattivi. Kull opinjoni oħra relevanti u valida għandha tkun aċċettata.* |
| 1 | 5 | Il-familja tgħallem lit-tfal il-valuri, in-normi, il-lingwa, l-imġiba soċjali, kif ukoll il-kultura. Dawn huma l-għodod meħtieġa u l-qofol tas-soċjalizzazzjoni. B'dawn il-ħiliet it-tfal ikunu jafu kif iridu jġibu ruħhom fis-soċjetà. |
| 2 | 5 | Ħafna fatturi wasslu għal dawn il-bidliet, fosthom:<br>• il-progress u l-modernità li qed iseħħu fid-dinja<br>• livell ogħla ta' edukazzjoni<br>• l-effett qawwi tal-midja<br>• il-libertà tal-espressjoni u l-firxa ta' informazzjoni permezz tal-internet<br>• livell ogħla tal-għajxien<br>• il-familja rurali ma baqgħetx tipproduċi l-bżonnijiet tagħha imma qiegħda tixtrihom mingħand produtturi oħra. |
| 3 | 2,2,2 (6) | Tlieta minn:<br>• familja estiża: ġenituri, ulied u nanniet taħt l-istess saqaf<br>• familja nukleari: omm, missier u l-ulied<br>• familja simmetrika: ir-raġel u l-mara jaqsmu r-responsabbiltajiet flimkien<br>• familja estiża modifikata: fejn hemm nanniet jgħixu mal-familja nukleari<br>• familja b'ġenitur wieħed<br>• familja b'koppji tal-istess sess<br>• familja rikostitwita: biċċiet minn familji li jingħaqdu biex jiffurmaw familja ġdida. |
| 4 | 1,1,1,1 (4) | • Il-valur tad-dixxiplina fejn it-tfal jitgħallmu jikkontrollaw l-imġiba u jobdu r-regoli.<br>• Il-valur tas-solidarjetà fejn it-tfal jitgħallmu jgħinu lill-membri tal-familja.<br>• Il-valur tal-indafa fejn it-tfal jidraw ikunu ndaf u anke jirriċiklaw l-iskart.<br>• Il-valur tal-imħabba fejn it-tfal jitilgħu jirrispettaw lil persuni oħra. |
| 5 | 1,1,1,1,1 (5) | • il-funzjoni riproduttiva: li jkollhom l-ulied<br>• il-funzjoni edukattiva: normi u valuri<br>• il-funzjoni ta' għajnuna reċiproka: l-importanza li ngħinu lil xulxin<br>• funzjoni ekonomika: il-familja taqdi ħafna responsabbiltajiet soċjali li huma bla ħlas<br>• funzjoni soċjali: kif iġibu ruħhom man-nies b'manjieri u valuri tajba |
| **TOTAL** | **25** | |

**Taqsima D**

| Mistoqsija | Marki | Tweġibiet |
|---|---|---|
| 1 | 2,2 (4) | **L-edukazzjoni formali** hija dik li timxi fuq programm ta' studju stabbilit permezz tal-kurrikulu nazzjonali. Is-suġġetti huma mgħallma fl-iskejjel u jkollhom xi forma ta' assessjar. **L-edukazzjoni informali** ma timxi mal-ebda sillabu u tinkludi tagħlim li ġej minn attivitajiet extrakurrikulari fl-iskola, kif ukoll barra mill-iskola. Din tinkludi fiha wkoll l-esperjenzi li jkollna tul ħajjitna. |
| 2 | 4 | Il-vantaġġi huma li l-iskola tilqa' lil kull student anke dawk bi bżonnijiet speċjali. L-iskola tirrifletti s-soċjetà, u b'hekk tkun qed tgħallem il-prinċipju tal-inklużjoni. Għalhekk kulħadd ikollu l-istess opportunitajiet, ikun min ikun. |
| 3 | 4 | **Kurrikulu nazzjonali**: pjan ta' studju maħsub mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni għal tfal bejn it-3 snin u s-16-il sena. Dan il-pjan jinsisti fuq edukazzjoni ħolistika.<br>**Kurrikulu moħbi**: ċerti messaġġi moħbijin li l-għalliema jgħaddu lill-istudenti, pereżempju l-għalliem tal-Ingliż li qiegħed jaqra poeżija dwar ir-razziżmu għandu jfiehem ukoll il-kruha ta' din l-inġustizzja. |
| 4 | 4 | L-istudenti jitgħallmu l-valuri, il-lingwa u l-Innu Malti, użanzi u kultura mill-iskola. Tgħin biex it-tfal ikollhom sens ta' appartenenza lejn pajjiżhom, apprezzament lejn il-wirt kulturali meta jsiru xi proġetti li jġibu 'l quddiem l-ambjent kulturali u ambjentali. |
| 5 | 4 | Fl-iskola l-istudenti jitgħallmu dwar kulturi oħra, dwar id-dmirijiet u d-drittijiet li għandu kull bniedem, dwar l-istorja, il-ġeografija u r-reliġjonijiet ta' pajjiżi oħra, it-tmexxija ta' pajjiżi oħra, biex b'hekk iħossuhom parti minn dinja waħda. |
| **TOTAL** | **20** | |

**Taqsima E**

Dawn it-tweġibiet huma biss indikattivi. Kull opinjoni oħra relevanti u valida għandha tkun aċċettata. Il-25 marka jitqassmu bejn wieħed u ieħor kif ġej:
20-25: tajjeb ħafna
15-19: tajjeb
12-14: mhux ħażin
0-11: mhux tajjeb
L-istudenti huma mistennija li joħorġu b'ideat bħal:

| Mistoqsija | Marka | Tweġibiet |
|---|---|---|
| 1(a) | 5 | Valuri ċiviċi huma dawk il-prinċipji li għandu jkollu kull ċittadin bħall-valur tad-demokrazija, l-ugwaljanza, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-imħabba lejn pajjiżu. Dawn il-valuri huma l-pedament ta' soċjetà demokratika u għandhom jiġu mgħallma lit-tfal minn mindu jkunu żgħar. Iktar kemm iċ-ċittadini jħaddnu dawn il-valuri, iktar ikollhom sens ċiviku u dan iwassal għall-għaqda u l-istabbiltà fil-pajjiż. Il-valuri ċiviċi jnisslu sens ta' appartenenza fiċ-ċittadin. |
| 1(b) | 15 | Ċittadinanza tfisser li tkun membru ta' pajjiż b'hekk tgawdi mid-drittijiet filwaqt li jkollok dmirijiet lejn pajjiżek. L-istudenti għandhom isemmu eżempji ta' dmirijiet li għandu jkollu kull ċittadin, inkluż li jirrispetta l-liġijiet ta' pajjiżu, iħallas it-taxxi, jivvota u jipparteċipa b'mod attiv fl- |

| | | |
|---|---|---|
| | | attivitajiet kulturali u politiċi ta' pajjiżu. Id-drittijiet li jgawdi jinkludu d-dritt tal-vot, il-libertà tal-kelma, id-dritt li jgħix f'pajjiż stabbli u organizzat, u ħafna drittijiet oħra. Hemm rabta bejn ċittadinanza nazzjonali u Ewropea. Din ir-rabta ġiet b'mod awtomatiku meta Malta ssieħbet fl-UE fl-2004. Il-Maltin issa jgawdu minn drittijiet Ewropej bħal li jistgħu jivvutaw fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew, il-libertà tal-moviment minn pajjiż għall-ieħor fl-Unjoni Ewropea u d-dritt għall-petizzjoni u l-għajnuna tal-Ombudsman. Iċ-ċittadinanza globali li kull bniedem iħossu li jappartjeni lil komunità ikbar minn dik nazzjonali, il-komunità globali. Dan ifisser li l-bnedmin għandhom id-dover li jaħdmu biex isolvu l-problemi tad-dinja bħall-faqar, l-inġustizzja u t-tniġġis għax id-dinja hija d-dar ta' kulħadd. |
| 2 | 20 | • Devjanza hija dik l-imġiba li tmur kontra n-normi tas-soċjetà. L-imġiba devjanti tinkludi fiha kull tip ta' delinkwenza, li tfisser il-ksur tal-liġi fuq livell kriminali, kif ukoll imġiba ħażina li mhix kontra l-liġi bħall-alkoħoliżmu. Persuni devjanti huma dawk li ma jikkonformawx mal-kultura dominanti, pereżempju dawk li jieħdu d-droga u membri ta' xi *gangs*. Membri ta' *gangs* ma jikkonformawx mal-kultura dominanti tas-soċjetà imma mal-kultura tal-grupp li jkunu fih.<br>• Il-kontroll soċjali jinżamm b'mod formali – permezz ta' liġijiet u regoli. Dan il-kontroll huwa eżerċitat minn awtoritajiet bħall-gvern u l-mexxejja ta' organizzazzjonijiet. Dawn jinfurzaw il-liġijiet u japplikaw sanzjonijiet formali bħal ma huma l-multi u l-ħabs.<br>• Kontroll informali jieħu forma ta' użanzi, tradizzjonijiet, etikett, *peer pressure,* kif ukoll normi, valuri soċjali li l-individwu jakkwista matul il-proċess ta' soċjalizzazzjoni. Ħafna drabi jiġi eżerċitat mingħajr ma jkun hemm xi regoli miktuba b'mod speċifiku. Dan it-tip ta' kontroll jibda fil-familja fejn it-tfal jitgħallmu jirrispettaw l-adulti u jobdu l-ewwel regoli sempliċi tal-ħajja. |
| 3 | 20 | • Il-familji kontemporanji huma iżgħar, nukleari u simmetriċi, filwaqt li dawk tradizzjonali kienu ħafna ikbar, estiżi u patrijarkali.<br>• Illum uħud qed jinkludu lin-nanniet li jispiċċaw waħedhom biex ikunu jistgħu jieħdu ħsiebhom.<br>• In-numru ta' familji b'ġenitur wieħed qiegħed jiżdied u anke dak fejn il-koppja qed tikkoabita. Insibu wkoll familji b'ġenituri tal-istess sess.<br>• L-irwoli fil-familja tal-lum huma differenti minn dawk tradizzjonali speċjalment fejn il-mara tkun taħdem.<br>• Ix-xogħol u r-responsabbiltajiet fil-familja bejn il-koppji qed jinqasmu.<br>• Insibu wkoll eżempji ta' familji fejn ir-raġel jieħu *parental leave,* filwaqt li l-mara tkompli taħdem wara t-twelid tat-tarbija.<br>• Qed jidħlu ħafna aktar influwenzi barranin fil-proċess tas-soċjalizzazzjoni primarja.<br>• Tibdil ieħor huwa li hawn familji fejn il-membri rari jiltaqgħu għaliex ikunu jaħdmu f'ħinijiet differenti. |
| **TOTAL** | **20** | |

**Total tal-karta: 100 marka**